MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1074/1995/1

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` Assigurattrici estera Guardian Royal Exchange p l c *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited u Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta’ Awissu 1995 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-assigurat ta’ l-attur *nomine*, Michael Attard Limited, importa gewwa Malta fuq il-vapur Pinto konsenja ta’ 63 vettura li waslu Malta fit-12 ta’ Awissu 1994;

Premess illi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat ta’ l-attur bin-nuqqasijiet u danni spjegati fid-Dok. A;

Premess illi ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni bejn l-attur *nomine* u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet ta’ l-istess assigurat;

Premess illi l-attur *nomine* jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta’ l-assigurat tieghu fl-ammont ta’ hames mija u hamsa u tmenin lira (Lm585) li maghhom jizdied l-ammont ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira (Lm252) bhala *survey fees,* danni ghalhekk totali sofferti mill-attur *nomine* ta’ tmien mija u sebgha u tletin lira (Lm837);

Premess illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasjiet u danni;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija ta’ l-assigurat ta’ l-attur *nomine* li ghalihom ghamel tajjeb l-attur *nomine*;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta’ Lm837;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom ihallsu lill-attur *nomine* is-somma ta’ Lm837 bhala danni sofferti mill-attur *nomine* li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti *nomine* jew min minnhom;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikata fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* pprezentata fil-25 ta’ Ottubru 1995 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mil-ligi;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esebita l-polza ta’ assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi ezebit ukoll ic-*cheque* li bih sar il-pagament;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta’ Lm585.00,0 bhala allegati danni;

4. Illi dwar is-*survey fees* hemm diversi sentenzi li jghidu “li tali *fees* mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess” u ghalhekk il-konvenut Godwin Abela *et nomine* jirreferu ghas-sentenza “Dr. Robert Staines vs Godwin Abela” - AK. 6.4.92 - Citaz. Nru. 112/86 u “Dr Robert Staines vs Jos. Apps *nomine et*” - KJF 201/92 - Deciza 25.4.1995;

5. Illi fir-raba’ lok, ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (amended by Legal Notice 28/873) li jistipola li “*in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit loads received from the ship”.* *Unit load* skond

l-Att IX ta' l-1973 *inter alia* jinkludi "*vehicles or trailers rolled on or off a ship*". Dan l-artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull responsabilita`;

6. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13, ta' l-1966 tali merkanzija l-importatur jaf li tinhazen "*in the open and always at the sole risk of the owner*" u ghalhekk anke f' dan il-kaz is-socjeta` konvenuta mhux responsabbli (KF 15.11.93, "Ray Micallef vs Godwin Abela" - Citaz. Nru. 1365/84 F - AK 16.3.92 - "Reginald Micallef vs Godwin Abela" - Citaz. Nru. 1094/84);

7. Illi fis-seba' lok, dwar l-imghax (1) dan mhux dovut anqas stante li s-socjeta` esponenti ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat, (2) qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni, (3) din titratta dwar kawza ta' danni u ghalhekk ammont ta' likwidanzi u dan jigi stabbilit biss permezz ta' sentenza u dan iktar u iktar meta s-socjeta` esponenti m' ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta` attrici hlief tramite polza (KAM 4.11.94 - "J. Gerada vs Godwin Abela" - Citaz. Nru. 1275/91);

8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Godwin Abela *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited minnu pprezentata fit-30 ta' Ottubru 1995, li fiha huwa eccepixxa:-

Fl-ewwel lok il-klawsola ta' l-ezoneru kontenuta fil-poloz tal-karigu relattivi u cioe` li "*Unprotected Motorcars - Ship not responsible for damages and accessories*", u "*vessel not responsible for accessories and/or other goods left*

*inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories*";

Fit-tieni lok li d-danni reklamati ma jirrizultawx fl-ammont reklamat mit-*tally sheets*;

Fit-tielet lok li l-attur naqas li jiehu azzjoni skond iz-zmien stipulat fil-polza tal-karigu;

Fit-raba' lok il-klawsola ta' ezoneru kontenuta fil-polza tal-karigu relattiv u cioe` "*carrier shall not be liable for any loss or damage resulting from any act, neglect or default of his servants in the management of such arrivals and other cargo*";

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Joseph Apps *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1997 li permezz tieghu giet nominata Dr. Irene Bonello bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija perit legali li tinsab a fol. 96 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru tas-sena 2000;

Rat l-Affidavits ipprezentati mill-kontendenti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Huwa ormai konswet f' kawzi ta' *marine cargo claims* illi l-ezitu tal-meritu taghhom jiddependi fil-maggjor parti tal-kazijiet mill-attendibilita` li l-Qorti tirpoza fuq id-dokumenti portwali. Huwa proprju dawn li kellhom jigu verifikati ghall-iskop tad-determinazzjoni ta' l-istess u l-kundizzjoni tal-merce, u allura ta' min kien responsabbli mill-kustodja u harsien taghha f' kaz li jigu riskontrati hsarat jew nuqqasijiet. Dawn id-dokumenti jikkomprendu essenzjalment it-*tally sheets* redatti fil-mument ta' l-iskarikar tal-merce minn fuq il-vapur, u l-*Gate Pass Out* rilaxxjat mill-kumpanija portwali meta l-merce tigi konsenjata lir-ricevitur;

Din il-Qorti gja kellha okkazjoni, bhal bosta Qrati ohra qabilha, li ttenni u telabora dwar il-portata probatorja li jaghmlu dawn id-dokumenti u mhux il-kaz allura li toqghod terga' tirreplikaha. Tirreferi biss ghas-sentenzi taghha fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- Adrian Mifsud *et nomine***", 9 ta' Dicembru 2002 u "**Reginald Micallef *et nomine* -vs- Godwin Abela *et nomine***", 31 ta' Jannar 2003 u r-rassenja tal-gurisprudenza fihom kompendjata;

Fil-kaz prezenti t-*tally sheets* esebiti a fol. 123 u fol. 124 juru mhux biss in-numru tal-vetturi zbarkati minn fuq il-vapur "m/v Pinto" izda fuq kollox l-istat taghhom meta gew hekk skarikati. Dawn it-*tally sheets* irrimpjazzaw dawk esebiti mis-socjeta` Sea Malta a fol. 50 u fol. 51 in kwantu dawn kienu jirrelataw ma' skarikazzjoni ghal kollox differenti minn dik tal-kaz *de quo*;

Irrizulta wkoll illi t-*tally* kien wiehed *joint* bejn ir-rapprezentant tas-Sea Malta u r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Cargo Handling;

Ghal dak li jghodd f' dan il-kaz it-*tally sheets* mis-Sea Malta juru l-kondizzjoni ta' whud mill-vetturi waqt l-operazzjoni ta' l-izbark taghhom. Fihom jinghad li zewg vetturi tal-marka 'Renault' (Numri 31857 u 31712) kellhom

rispettivamnet "*left front mudguard scratched*" u "*HiFi missing and right front door scratched*". Vettura ohra tal-marka 'Peugeot' (numru 30476274) kellha l-"*hubcups*" neqsin. Ta' min josserva illi fl-elenku akkompanjanti s-*survey report* (fol. 5 sa fol. 7) ma hemm l-ebda referenza ghall-hsarat jew nuqqasijiet fir-rigward ta' ebda wahda mill-vetturi tal-marka 'Renault', anke jekk hu pacifiku illi vetturi ta' din il-marka kienu jifformaw parti mill-kariku ta' vetturi trasportati bil-vapur f' Awissu 1994. Effettivament l-unika referenza li tikkombacja hi dik fir-rigward tal-vettura tal-marka 'Peugeot' (fol. 7) u ghalhekk hu ovvju illi l-importazzjoni in disamina kienet tirreferi eskluzivament ghal karozzi ta' din il-marka. Dan kif evidenzjat ukoll mit-*tally sheets* esebiti mis-socjeta` Cargo Handling a fol. 61 u fol. 74, u li incidentalment jirreferu ghall-uniku fatt tal-*hubcups* neqsin fil-vettura fuq indikata;

Fuq l-istregwa tat-taghlim gurisprudenzjali fir-rigward tal-vetturi l-ohra li dwarhom ma gew senjalati l-ebda rimarki fit-*tally sheets* dawn id-dokumenti joholqu presunzjoni *juris tantum* illi dawn gew konsenjati mill-vapur lill-Cargo Handling f' kundizzjoni tajba u minghajr hsarat jew nuqqasijiet. Kien allura jinkombi lill-Cargo Handling li ggib provi perswasivi li jinnewtralizzaw l-imsemmija presunzjoni. Fil-kaz hawn trattat din il-prova ma saretx. Is-socjeta` Cargo Handling pero` tirrifuggi ghas-solitu pretest illi din il-kwalita` ta' xoghol (vetturi) jinzlu minn fuq il-vapur b' certu heffa u ghalhekk skond ix-xhud Anthony Apap (fol. 73) hu ma kienx in grad li jaghmel "*accurate checking*" fil-parti ta' gewwa tal-vetturi;

Issa apparti l-fatt illi minn dak konstatat mis-*survey* kondott bosta mill-*items* nieqsa kienu accessorji li solitament jkunu fuq il-parti esterna tal-vetturi, l-iskuzanti tal-ghaggla ma tistax titqies guridikament accettabbli. Gie bosta drabi kummentat fuq dan il-punt illi l-asserzjoni tal-ghaggla ma kienetx affidabbli. Dan ghaliex "kieku dan kien minnu, il-htija kienet tkun biss tas-socjeta` appellanti (Cargo Handling) li fl-interess taghha kien messha hadet hsieb biex tassigura li jkun hemm impjegati taghha bizzejjed biex jikkonducu sewwa l-ispezzjoni tal-vetturi

waqt li dawn kienu qed jigu konsenjati f' idejha". ("**Leslie Causon *nomine* -vs- James Gustaf Gollcher *nomine***", Appell, 30 ta' Marzu 2001). Gie rimarkat ukoll illi "jekk din hija l-posizzjoni reali, ifisser li allura s-socjeta` appellanti (Cargo Handling) la kellha u lanqas ghandha ghalfejn tibghat ufficcjal taghha ghat-*tallying* ghax ikun ezercizzju futili" - "**Formosa & Camilleri Ltd *nomine* -vs- Sea Malta Company Limited *et***", Appell, 12 ta' Gunju 2001;

Din il-Qorti tikkonkorda ma' dawn ir-riflessjonijiet u anzi ssib illi l-ammissjoni tal-precitat *tally clerk* tal-Cargo Handling turi manifestament leggerezza ta' kontroll u ta' verifiki. F' cirkostanzi bhal dawn din il-Qorti tkun tonqos jekk ma takkordax affidament lil *joint tally sheets*. Kif drabi ohra rilevat "dan ghaliex mhux biss it-*tally sheet*, bhal kull dokument portwali iehor jipprova *prima facie* l-kontenut tieghu, imma wkoll ghaliex fin-nuqqas ta' kummenti negattivi fuqu, hu prezunt li l-merkanzija tkun giet ricevuta mis-socjeta` konvenuta (Cargo Handling) f' kondizzjoni tajba. Kienet allura f' din il-kondizzjoni li kellha l-obbligu li tikkustodiha u tirrestitwiha lill-importatur" - "**Leslie Causon *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Apparti l-kwestjoni tal-*hubcups* nieqsa f' karozza minnhom, il-*Gate Pass Out* (fol. 28) ma jistax jitqies turija ta' kustodja tajba tal-vetturi fdati lilha fil-kors ta' l-operazzjoni portwali. Dan id-dokument jiccertifika numru ta' nuqqasijiet u hsarat u ghalhekk jikkostitwixxi prova negattiva ghal Cargo Handling li tkun ikkompilat l-istess dokument. Ara xhieda ta' l-impjegat taghha Francis Schembri (fol. 60). Il-qawwa ta' din il-prova negattiva fil-konfront tal-Cargo Handling hi mbaghad imsahha mill-accertamenti tas-*surveyor* John Borg Bellanti (fol. 66) u ta' Austin Schembri (fol. 69) impjegat tas-socjeta` importatrici, li ezaminaw il-vetturi f' Laboratory Wharf qabel ma gew rilaxxjati mill-Cargo Handling. Huma hadu n-notamenti tan-nuqqasijiet u tal-hsarat, deskritti ahjar fid-dettal fis-*Survey Report* (fol. 5 sa fol. 7) ghall-fini ta' l-assigurazzjoni;

Fuq il-bazi tas-suesposti konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi sodisfatta illi s-socjeta` assiguratrici attrici rnexxielha tiddemostra l-fatt tal-hsarat u/jew nuqqasijiet. Mhux hekk biss pero` in kwantu permezz ta' provi processwali ohra stabbiliet ukoll illi, ad eccezzjoni ta' vettura minnhom, il-maggor parti tan-nuqqasijiet, ossija *pilferage* tipika ta' operazzjonijiet bhal dawn, sehhew fil-mument meta l-vetturi kienu taht il-kontroll tal-Cargo Handling;

Ifisser allura illi din il-Qorti ma tistax in pjena koxxjenza tadopera r-rizultanzi peritali. Anzi, biex jinghad kollox, issib tassew stramb illi l-perit legali laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited illi din qdiet il-funzjonijiet taghha b' diligenza, meta ghal kuntrarju l-provi jiddemostraw xort' ohra;

Kwantu ghall-akkoljiment da parte ta' l-istess perit legali tal-hames u tas-sitt eccezzjoni ta' din l-istess socjeta` konvenuta, evidentement juri illi l-perit legali m' hijiex familjari mal-gurisprudenza in materja ta' l-eccezzjonijiet ta' ezoneru sottomessi. Gurisprudenza din li kienet gja affermata fil-mument meta giet redatta r-relazzjoni;

In effetti jinsab konkordament ricevut f' bosta decizjonijiet illi l-eccezzjonijiet ta' ezoneru bhal dawk sollevati mill-Cargo Handling gew mill-Qrati rigettati bhala mhux applikabbli ghall-fatti simili bhal dawk in diskussjoni. Mhux il-kaz li dawn kull darba jigu mtennija. Jibbasta pero` illi ssir semplici referenza ghalihom, u in partikolari ghad-decizjonijiet fl-imsmijiet "**Avv. Peter Borg Costanzi *nomine* -vs- Sullivan Maritime Limited *nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Formosa & Camilleri Ltd *nomine* -vs- Sea Malta Company Limited *et nomine***", Appell, 12 ta' Gunju 2000;

Is-socjeta` konvenuta l-ohra Sea Malta Company Limited ukoll tissolleva eccezzjonijiet ta' ezoneru rizultanti minn

polza tal-kariku li, incidentalment, kopja taghha mkien ma tirrizulta mill-atti. Hu veru li a fol. 44 u 45 gew esebiti minn din is-socjeta` zewg *bills of lading* imma dawn jikkorrispondu ghal *shipment* distint minn dak tal-meritu tal-kawza u ghalhekk dawn ma jaghmlu l-ebda prova;

Dan apparti, jinsab ukoll pacifikament stabbilit illi huwa diskutibbli kemm klawsoli ta' ezoneru f' poloz ta' kariku ntizi biex inehhu minn fuq il-vapur kull responsabilita` ghall-hsarat jew nuqqasijiet li kienu konsegwenzjali ghall-agir negligenti tal-*management* tal-vapur jew ta' l-impjegati tieghu. Ara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Noel Ellul *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine et***", 31 ta' Jannar 2003 fejn fiha jinsabu kompendjati certi gwidi gurisprudenzjali fuq din il-materja. Forsi tista' tizdied din l-osservazzjoni kaptata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-1 ta' Marzu 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Formosa & Camilleri Ltd *nomine* -vs- Sea Malta Company Limited *et***":

"Dawn il-klawsoli li jittantaw jiskolpaw il-vapur b' mod mill-aktar generiku, u irrispettivament mill-agir u mill-komportament ta' min kien bil-ligi responsabbli ghall-kustodja ta' hwejjeg haddiehor, ma kellhomx ma jitqiesux, kif dejjem gew meqjusa minn dawn il-Qrati b' mod kritiku, jew mhux sospett. Dan ghaliex ma kellux jigi leggerment accettat li klawsoli simili setghu, facilment u unilateralment, jidderogaw u jinnewtralizzaw principji generali ta' dritt b' semplici klawsola, kwazi formali, fil-*Bill of lading* li tikkontradici l-obbligi dikjarati tat-trasportatur fir-rigward tal-merkanzija fdata f' idejh."

Dan premess din il-Qorti ma tistax ghalhekk tammetti l-ewwel u r-raba eccezzjoni tas-socjeta`` konvenuta Sea Malta. It-tielet eccezzjoni rigward il-perentorjeta` ta' l-azzjoni hi mbaghad ghal kollox insostenibbli billi jirrizulta bic-car illi l-azzjoni giet intavolata fit-terminu statutorju ta' sena mill-wasla tal-vapur;

It-tieni eccezzjoni ta' din l-istess socjeta` konvenuta hi minn naha l-ohra valida, ad eccezzjoni tat-*tallying* tal-

vettura li fiha nstabu l-*hubcups* neqsin. L-ispiza ghal din hi certament addossabbli fuq is-socjeta` Sea Malta billi dawn instabu neqsin meta l-vettura kienet fil-pussess u kustodja taghha;

Issa ma jidherx mill-atti illi tezisti kontestazzjoni dwar il-*quantum* tal-hsarat certifikat mis-*surveyor* relattiv ghad-danni riskontrati fil-vetturi. *Quantum* li gie stabbilit fl-ammont ta' hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585). Il-kuntrast invece jirrigwarda l-ammont tas-*survey fees*;

Fir-rigward ma hemmx qbil ma' dak eccepit mis-socjeta` Cargo Handling fir-raba' eccezzjoni taghha illi l-ebda *survey fees* ma huma dovuti. Hlas bhal dan, necessarjament inkors biex jigu stabbiliti d-danni, hu ormai pacifiku. Ara "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine***", Appell, 15 ta' Mejju 1998;

Dan premess, huwa wkoll, imbaghad, affermat illi dawn il-*fees* kellhom ikunu relatati mal-volum ta' merkanzija li tirrizulta danneggjata b' nuqqasijiet jew hsarat. Il-kundanna dwarhom kellha allura tkun biss wahda ta' rata proporzjonali marbuta ma' dan il-volum. Dan ghaliex hi biss din il-parti tas-*survey fees* li kellha tkun konsidrata bhala spiza mehtiega biex jigi stabbilit il-kwantum tad-danni. F' dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- James Gollcher *et nomine et***", Appell, 9 ta' Frar 2001 u dik l-ohra fl-ismijiet "**Avv. Dottor Robert Staines *et nomine* -vs- James Gollcher *et nomine et***", Appell, 30 ta' Marzu 2001;

Billi f' dan il-kaz gew *surveyed* tlieta u sittin (63) vettura l-ammont totali ta' mitejn u tnejn u hamsin lira (Lm252) f'*survey fees* jikkorrispondi ghal rata ta' erba' liri (Lm4) ghal kull vettura, ossija tnejn u hamsin lira (Lm52) ghal tlettax-il (13) vettura li dwarhom gie stabbilit id-dannu;

Ifisser ghalhekk illi f’ dan il-kaz is-socjeta` Sea Malta Company Limited hi responsabbli ghall-ammont totali ta’ hamsa u sittin lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm65.54,0) korrispondenti ghan-nuqqas tal-*hubcups* (ara elenku anness mas-*survey*) u erba’ liri tas-*survey*. Invece is-socjeta` Cargo Handling Company Limited ghandha twiegeb fl-ammont ta’ hames mija wiehed u sebghin lira, sitta u erbghin centezmu (Lm571.46) korrispondenti ghal hames mija tlieta u ghoxrin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm523.46) bhala danni u tmienja u erbghin lira (Lm48) f’ *survey fees*;

Issa kwantu ghall-interessi fuq dawn l-ammonti in linea generali huwa accettat illi una volta l-ammont pretiz huwa stabbilit fic-citazzjoni ma kienx hemm raguni ghaliex dawn ma kellhomx jiddekorru min-notifika tac-citazzjoni lill-konvenuti (Ara “**Gasan Insurance Agency Limited *nomine* -vs- The Cargo Handling Co. Limited**”, Appell, Sede Inferjuri, 6 ta’ Ottubru 1999);

Gjaladarba pero` in vista tal-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-*survey fees* li notevolment ivarjaw mis-somma pretiza mis-socjeta` attrici jinhass gust u xieraq illi l-imghaxijiet jibdew jghaddu mid-data tas-sentenza. (Ara “**Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* -vs- James Gollcher *et nomine***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited responsabbli ghad-danni f’ vettura wahda u s-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited fi htija ghal hsarat u/jew nuqqasijiet fi tnax-il vettura, ilkoll tal-marka ‘Peugeot’ importati f’ Malta mis-socjeta` Michael Attard Limited fit-12 ta’ Awissu 1994;

Tvarja t-tieni domanda billi tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sitt mija u sebgha u tletin lira Maltija (Lm637) kwantu ghal

hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm585) danni effettivi subiti u kwantu ghal tnejn u hamsin lira Maltija (Lm52) f' *survey fees*;

Tilqa' l-ahhar domanda fis-sens li tikkundanna lis-socjeta` Sea Malta Company Limited taghmel tajjeb ghad-danni u *survey fees* fl-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltija, erbgha u hamsin centezmu (Lm65.54,0) mentri tikkundanna lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija wiehed u sebghin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm571.46,0). L-imghaxijiet fuq dawn l-ammonti jibdew jiddekorru mil-lum;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew kwantu ghal kwinta parti kull wahda mis-socjeta` attrici u mis-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited u kwantu ghal tliet kwinti (3/5) mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------